MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 127/2003

Il-Pulizija
(Spettur W. Spiteri)

Vs

Edward Zammit

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fix-xahar ta' Marzu naqas li jaghti manteniment ta' LM80 dovut lil martu Josette u lil ibnu Clive ta' 14 il-sena kif stabbilit bil-Qorti fit-28 ta' Marzu 1993.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Gunju 2003, li biha wara li rat l-Artikolu 338(z) tal-Kap. 9 sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghall-ammenda ta' LM25.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-2 ta' Lulju 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi ma ssibx lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu w tilliberah minn kull akkuza w htija.

Rat illi l-aggravji tal-appellant jikkonsistu fis-segwenti w cioe' li :- 1 isem l-imputat appellant huwa EDWIN u mhux EDWARD u dan il-punt gie rilevat quddiem l-Ewwel Qorti . Bhala fatt is-sentenza pero' inharget kontra Edward Zammit u mhux Edwin Zammit. Illi ma saritx emenda f'dan is-sens. 2. illi l-akkuza hija preskritta ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ghax il-periodu li fih hu allegatament ma hallasx il-manteniment kien ikopri dak ta' Frar, 2003, u x-xhur ta' qabel waqt li n-notifika tac-citazzjoni saret biss fid-19 ta' Gunju, 2003 u ghalhekk kienu ghaddew aktar minn tlitt xhur; u 3. illi di piu' kif inhi mpostata l-akkuza, fejn jintqal li l-appellant naqas jaghti manteniment ta' LM80,kif stabilit bil-Qorti fit-22 ta' Marzu, 1993, mhux korretta ghax il-Qorti ma stabiliet xejn fil-periodu ta' Marzu, 1993, u kien hemm kuntratt ta' separazzjoni w mhux digriet tal-Qorti .

Fliet l-atti kollha processwali w senjatament il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Gunju, 2003, fejn jidher li Dr. Fenech ghall-imputat eccepixxa n-nullita' tac-citazzjoni peress li l-imputat jismu Edwin u mhux Edward kif jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni .

Semghet it-trattazzjoni .

Ikkonsidrat ,

Illi hu ovvju w opportun li din il-Qorti ghandha tikkonsidra qabel xejn l-aggravju dwar l-isem zbaljat li bih gie mharrek u sentenzjat l-appellant li qed jghid li jismu "EDWIN ZAMMIT" anki kif jidher mill-kuntratt ta' separazzjoni esebit fil-process (fols.5 sa 11) fejn hu indikat bhala "EDWIN"

Ghalhekk jidher li l-isem korrett tal-appellant hu "EDWIN ZAMMIT" .

Konsegwentement meta hu gie imharrek bl-isem "EDWARD ZAMMIT" dan ma kienx legalment korrett u preciz u l-appellant ghandu ragun jilmenta minn dan. L-appellant lejalment qajjem din l-eccezzjoni quddiem l-Ewwel Qorti izda l-Prosekuzzjoni, minnflok ma talbet id-debbita korrezzjoni - kif kellha kull dritt li taghmel , salvo mbaghad il-komplikazzjonijiet ta' preskrizzjoni li setghet tkun iddekorriet , ivverbalizzat li c-citazzjoni ma hi xejn hlief "avviso a comparire" kif ukoll li n-numru tal-karta' tal-identita' tieghu kif tidher fic-citazzjoni huwa identiku ghal dak imsemmi fil-kuntratt ta' separazzjoni. L-Ewwel Qorti, minkejja li nghat din l-eccezzjoni , xorta wahda ghaddiet biex tat is-sentenza taghha kontra "Edward Zammit" , wara li b'digriet , li jidher li nghata qabel is-sentenza , rrespingiet din l-eccezzjoni tal-appellant "ghar-ragunijiet imsemmija mill-ufficjal prosekutur" (fol. 3) .

Illi hu minnu li dejjem gie ritenut li l-komparixxi fil-proceduri sommarji hi biss "avviso a comparire" u li ma hemmx ghalfejn ikollha d-dettalji kollha precizi, izda skond l-artikolu 360 (2) tal-Kodici Kriminali , c-citazzjoni ghandha "inter alia" "ssemmi car il-persuna mharrka" u dan ifisser li l-isem tal-imputat ma ghandux ikun indikat b'mod approssimattiv jew impreciz jew addirittura skorrett u meta jigri dan , u l-Prosekuzzjoni tintebah bl-izball, ghandha titlob id-debita korrezzjoni w l-Qorti invarjabbilment takkolji din it-talba, b' dana li l-akkuzat dejjem ikollu dritt li jitlob differiment u li jerga jigi notifikat mill-gdid bic-citazzjoni kif korretta. Fil-kaz odjern pero' ma sar xejn minn dan u s-sentenza appellata nghatat fil-konfront ta' persuna li m'ghandix l-isem korrett u preciz tal-appellant .

Illi pero' kif gie ripetutament ritenut minn din il-Qorti , dan ma jgibx ghan-nullita' tas-sentenza appellata "ut sic" , imma jista' jwassal biss ghall-dikjarazzjoni ta' din il-Qorti li s-sentenza appellata mhux esegwibbli kontra l-appellant odjern li ismu proprju hu "EDWIN" u mhux "EDWARD" kif gie imharrek u sentenzjat ; (Ara fir-rigward is-sentenzi ta' din il-Qorti fil-kawzi "Il-Pulizija vs. Anthony Salomone" (8.6.89) ; "Il-Pulizija vs. Rose Jane Zammit " (3.2.95); "Il-

Pulizija vs. Salvino Borg D' Anastasi" (18.4.2002) u ohrajn).

Illi ghalhekk dan l-aggravju tal-appellant hu fondat in kwantu biss li jimporta dikjarazzjoni li is-sentenza appellata ma tistax tigi esegwita kontra tieghu .

Illi dwar l-aggravju dwar il-preskrizzjoni jidher li n-nuqqas ta' hlas ta' manteniment jirriferi ghall-periodu tax- "xahar ta' Marzu" prezumibbilment tas-sena 2003 ghax is-sena ma tissemmiex. Issa mir-riferta a fol. 4 tal-process , jidher li l-appellant gie notifikat bil-komparixxi biss fid-19 ta' Gunju, 2003 . Peress illi l-kuntratt ta' separazzjoni li minnu twieled l-obbligu tal-manteniment li jgib id-data tal-10 ta' Marzu, 1993, kien jobbliga lil Edwin Zammit li jhallas somma ta' ghoxrin lira (LM20) fil-gimgha u r-reat kontravenzjonali istantaneju in dizamina jiskatta malli ma jsirx il-hlas hmistax il-jum wara li jkun sar dovut il-hlas , jidher ovvju li mill-ahhar gimgha ta' Marzu, piu' il-hmistax il-jum li tati l-ligi kriminali, sad-19 ta' Gunju, ma kienux lahqu ghaddew tlitt xhur u ghalhekk il-preskrizzjoini trimestrali f' dan il-kaz ma kienetx iddekorriet . Konsegwentement dan l-aggravju hu nfondat u qed jigi respint.

Illi l-ahhar aggravju jirrigwarda d-dicitura tac-citazzjoni li tghid li hu naqas li jaghti manteniment "ta' LM80 dovut lill-martek Josette u lill-ibnek Clive ta' 14 il-sena kif stabilit bil-Qorti fit-22 ta' Marzu, 1993".
Illi fil-fehma ta'din il-Qorti , id-dicitura tac-citazjoni hija ferm impreciza w addirittura zbaljata. Ibda biex l-obbligu tal-appellant ma kienx johrog minn ordni ta' Qorti imma minn kuntratt ta' separazzjoni bonarja. Hu minnu li jista' jigi argumentat li kuntratt simili jrid ikollu l-approvazzjoni tal-Onorabbli Qorti Civili , Sekond' Awla , imma altru approvazzjoni w altru ordni . U ghalkemm il-ligi kif recentement emendata fis- sub-inciz (z) tal-artikolu 338 tal-Kodici Kriminali ,tirrendi anki ksur tal-obbligu naxxenti minn kuntratt punibbli taht din il-kontravvenzjoni, c-citazzjoni zgur li hi zbaljata fir-rigward u hadd ma talab u ottjena l-korrezzjoni ta' dan l-izball. Inoltre anki d-data msemmija hija zbaljata ghaliex il-kuntratt - kif intqal fuq -

igib id-data tal-10 ta' Marzu, 1993 u mhux tat-22 ta' Marzu, 1993. Din l-ahhar data li tidher fuq l-ahhar pagna tal-kuntratt esebit hija biss id-data tat-timbru ta' meta harget il-vera kopja tal-istess kuntratt . Dan kien zball iehor banali fl-akkuza li ma giex korrett . Fl-ahhar nett, l-ammont pagabbli skond il-kuntratt kien ta' LM20 fil-gimgha w mhux ta' LM80 , b'mod li f'xahar bhal Marzu li fih 31 jum , x'aktarx li jkunu dovuti aktar minn LM80 f' kull kaz.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti dawn l-indikazzjonijiet kollha mprecizi fil-komparixxi , ladarba ma ntalbitx korrezzjoni taghhom quddiem l-Ewwel Qorti , ghandhom iwasslu ghall-liberazzjoni tal-appellant fil-mertu. Ghalhekk it-tielet aggravju ukoll jidher fondat .

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell billi fl-ewwel lok tiddikjara li s-sentenza appellata taghmel stat biss fil-konfront ta' Edward Zammit u mhux kontra l-appellant li kif fuq inghid jirrizulta li jismu : "EDWIN ZAMMIT" u fi kwalunkwe kaz tirrevokha s-sentenza appellata ghar-raguni fuq imsemmija .

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------